



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Awwissu 2021
(OR. en)

11138/21

CSDP/PSDC 404
CFSP/PESC 759
COAFR 218
RELEX 701
CONUN 118
CSC 299
EUTM RCA 2
PSC DEC 26

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2020/1250 (EUTM RCA/1/2021)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2021/...

ta' ...

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni
ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea
fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA)
u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2020/1250 (EUTM RCA/1/2021)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/610 tad-19 ta' April 2016 dwar Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha,

¹ ĠU L 104, 20.4.2016, p. 21.

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/610, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA), inkluż id-deċiżjonijiet dwar il-ħatra ta' Kmandanti sussegwenti tal-Forza tal-Missjoni tal-UE.
- (2) Fl-1 ta' Settembru 2020, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1250¹, li taħtar lill-Brigadier Ġeneral Paulo Manuel SIMÕES DAS NEVES DE ABREU bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE ta' EUTM RCA.
- (3) Fis-7 ta' Lulju 2021, l-awtoritajiet Militari Franċiżi pproponew il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Jacques LANGLADE DE MONTGROS biex jieħu post il-Brigadier Ġeneral Paulo Manuel SIMÕES DAS NEVES DE ABREU bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE ta' EUTM RCA mill-14 ta' Settembru 2021.
- (4) Fid-19 ta' Lulju 2021, il-Kumitat Militari tal-UE qabel li jirrakkomanda li l-KPS japprova din il-proposta.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2020/1250 tal-1 ta' Settembru 2020 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2019/1113 (EUTM RCA/2/2020) (ĠU L 290, 4.9.2020, p. 14).

- (5) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Jacques LANGLADE de MONTGROS. Barra minn hekk, jenħtieġ li titħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2020/1250.
- (6) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Brigadier Ġeneral Jacques LANGLADE de MONTGROS huwa b'dan maħtur bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) mill-14 ta' Settembru 2021.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2020/1250 hija b'dan imħassra mill-14 ta' Settembru 2021.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, ...

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President*